MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 63/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Joseph Zahra**

Dan huwa appell minn sentenza illi sabet lill-appellant ħati talli ma ħallasx manteniment lil martu.
L-appellant kien mixli talli fix-xhur ta’ Mejju, Ġunju, Lulju u Awissu ta’ l-2005 naqas milli jħallas manteniment lil martu Margerita Zahra hekk kif kien ordnat skond dikriet numru 585/2003 tas-Sekond’Awla tal-Qorti Ċivili. Kien mixli wkoll illi sar reċidiv u kiser dispożizzjonijiet ta’ bosta sentenzi, fosthom dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta fl-14 ta’ Ġunju 2004.
B’sentenza mogħtija fil-21 ta’ Frar 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-artt. 338(*z*) u 18 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-appellant ħati ta’ l-akkużi miġjuba kontrieh u ikkundannatu għal xahrejn detenzjoni.

B’rikors tat-2 ta’ Marzu 2006 l-appellant talab illi din il-qorti jew tħassar is-sentenza tal-21 ta’ Frar 2006 u hekk teħilsu minn kull ħtija u piena, jew tirriformaha billi tikkonfermaha fejn sabitu ħati u tħassarha fejn ikkundannatu għal xahrejn detenzjoni u, minflok, tagħti piena aktar xierqa.

Il-fatti relevanti huma dawn:

B’dikriet numru 585/2003 is-Sekond’Awla tal-Qorti Ċivili kienet ordnat lill-appellant iħallas lil martu s-somma ta’ tletin lira (Lm30) fil-ġimgħa għall-manteniment tagħha u għoxrin lira (Lm20) fil-ġimgħa għall-manteniment ta’ ibnu minuri, b’kollox għalhekk ħamsin lira (Lm50) fil-ġimgħa. L-appellant ma ħallasx dan il-manteniment għax-xhur ta’ Mejju, Ġunju, Lulju u Awissu ta’ l-2005 u għalhekk, wara kwerela ta’ martu, inbdew kontrieh il-proċeduri li wasslu għas-sentenza appellata.

L-aggravju ta’ l-appellant huwa essenzjalment illi ma ħallasx il-manteniment għax ma għandux mnejn. Għalkemm huwa diżokkupat għandu opportunità jixtri xarabank u jaħdem biha, iżda ma jistax jikseb self mill-bank għax martu, il-kwerelanti, ma tridx tiffirmalu. Għalhekk, igħid l-appellant, huwa bi ħtija ta’ martu stess illi ma jistax jaħdem u ma għandux dħul mnejn iħallas il-manteniment. Għalhekk, bis-saħħa tal-massima *nemo tenetur ad impossibilia*, l-appellant għandu jinħeles mill-obbligu li jħallas il-manteniment. Barra minn hekk, martu tirċievi għajnuna soċjali u għalhekk ma teħtieġx manteniment mingħandu.

Dwar il-piena, l-aggravju hu illi “piena karċerarja tidher eċċessiva u inġustifikata u markatament inidonja u inikwa”.

Effettivament, l-appellant qiegħed ifittex li jressaq quddiem din il-qorti argumenti li kellhom jitressqu quddiem il-qorti li tat id-dikriet tal-manteniment. Iżda ma huwiex il-kompitu ta’ din il-qorti illi, wara li tqis id-dħul ta’ l-appellant u l-ħtiġijiet ta’ martu u ta’ ibnu, tiffissa l-manteniment, għax dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell minn dak id-dikriet; il-kompitu tal-qorti huwa biss illi tara jekk l-appellant naqasx milli jħallas il-manteniment skond id-dikriet mogħti mill-qorti kompetenti.

Ma huwiex kontestat illi fil-fatt l-appellant ma ħallasx; l-appell dwar il-ħtija, għalhekk, ma jistax jintlaqa’.

Dwar il-piena, din il-qorti hija tal-fehma illi n-nuqqas persistenti ta' l-appellant li jħallas il-menteniment lil martu u lil ibnu juri illi huwa meħtieġ inċentiv aktar "enerġetiku" biex jikkonvinċih iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu. Fid-dawl ta' dan, il-piena ta' xahrejn detenzjoni hija waħda xierqa.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u twettaq f'kollox is-sentenza tal-21 ta' Frar 2006.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------